



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 109/25

Il-Lussemburgu, 4 ta' Settembru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-305/22 | C.J. (Eżekuzzjoni ta' kundanna b'konsegwenza ta' MAE)

Awtorità ġudizzjarja ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew u tiegħu responsabbiltà hija stess għall-eżekuzzjoni tal-piena mingħajr il-kunsens tal-Istat li jkun ħareġ dan il-mandat

Mingħajr dan il-kunsens, l-Istat emittenti jista' jżomm il-mandat ta' arrest Ewropew u jeżegwixxi huwa stess il-piena fit-territorju tiegħu stess

Il-mandat ta' arrest Ewropew huwa proċedura ġudizzjarja ssemplifikata, prevista mid-dritt tal-Unjoni ¹, li tippermetti l-arrest ta' persuna fl-Istat Membru fejn din tkun tinsab u l-konsenja tagħha fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-mandat, sabiex tali persuna tkun suġġetta għal prosekuzzjoni hemmhekk jew sabiex hija tiskonta hemmhekk il-piena li għaliha tkun ġiet ikkundannata. F'dan il-qasam, il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u ta' rikonossiment reċiproku huma l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u jistabbilixxu regola importanti: l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' tali mandat jista' jseħħ biss eċċezzjonalment. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega għalfejn in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, sabiex tiġi skontata l-piena fl-Istat fejn il-persuna li lilha jkun indirizzat dan il-mandat tirrisjedi, ikun validu biss jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tosserva l-kundizzjonijiet u l-proċedura marbuta mar-rikonossiment tas-sentenza ta' kundanna u mat-teħid ta' responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija piena prevista minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Fl-2017, ċittadin Rumen ġie kkundannat mill-Qorti tal-Appell ta' Bukarest għal piena ta' prigionerija, li saret definittiva fl-10 ta' Novembru 2020. Fil-25 ta' Novembru 2020, din il-qorti ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra din il-persuna għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din il-kundanna. Fid-29 ta' Diċembru 2020, din il-persuna ġiet arrestata fl-Italja. Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani rrifjutaw li jikkonsenjaw il-persuna kkonċernata lill-awtoritajiet Rumeni. Min-naħa l-oħra, dawn l-awtoritajiet iddeċidew li jirrikonossu s-sentenza ta' kundanna tal-Qorti tal-Appell ta' Bukarest u li jeżegwixxu l-piena fl-Italja. Fil-fatt, huma qiesu li dan iżid il-possibbiltajiet ta' riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkonċernata, li kienet tirrisjedi legalment u effettivament fl-Italja. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani naqqsu mit-tul inizjali tal-piena l-perijodi ta' detenzjoni diġà skontati fl-Italja u ddeċidew li l-kundanna tiġi eżegwita fil-forma ta' arrest domiciliari b'sospensjoni simultanja. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni opponew kemm ir-rikonossiment tas-sentenza ta' kundanna kif ukoll l-eżekuzzjoni tagħha fl-Italja. Huma sostnew li l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra ċ-ċittadin Rumen kien għadu fis-seħħ. Konsegwentement, skont l-awtoritajiet Rumeni, il-persuna kellha tiġi kkonsenjata u l-piena tagħha ma kellhiex tiġi eżegwita fl-Italja iżda fir-Rumanija.

Adita bit-tilwima, il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk ir-rifjut li tiġi kkonsenjata persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ sabiex tiġi eżegwita piena ta' ċaħda ta' libertà jippreżupponix li l-Istat emittenti jkun ta l-kunsens tiegħu għall-eżekuzzjoni tal-piena fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, hija staqsiet jekk, meta l-Istat emittenti ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għal dan it-teħid ta'

responsabbiltà konformement mar-regoli speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam ², huwa jżomm id-dritt li jeżegwixxi l-piena u għalhekk li jżomm il-mandat ta' arrest Ewropew.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li l-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u li r-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa eċċezzjoni li għandha dejjem tiġi interpretata b'mod strett.

Għaldaqstant, l-istanzi ġudizzjarji tal-Istat Membru li jirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew sabiex il-kundanna tiġi eżegwita fit-territorju ta' dan l-istess Stat għandhom jiksbu l-kunsens tal-istanzi tal-Istat Membru emittenti fir-rigward tat-teħid ta' responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-piena mogħtija f'dan l-aħħar Stat. Dan il-kunsens jimplika t-trażmissjoni lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tas-sentenza ta' kundanna mogħtija mill-Istat Membru emittenti, flimkien ma' ċertifikat. Mingħajr dan il-kunsens, il-kundizzjonijiet għal teħid ta' responsabbiltà għall-eżekuzzjoni ma jgħux issodisfatti u l-persuna kkonċernata għandha tiġi kkonsenjata. Fil-fatt, l-għan li jiżdedu l-possibbiltajiet ta' riabilitazzjoni soċjali, invokat mill-awtoritajiet Taljani, ma huwiex assolut u għandu jiġi kkonċiljat mar-regola ta' prinċipju li tgħid li l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew.

Fid-dawl tad-diversi funzjonijiet tal-piena fi ħdan is-soċjetà, il-qrati tal-Istat Membru li fih persuna tkun ġiet ikkundannata għal piena ta' ċaħda ta' libertà jistgħu leġittimament jibbażaw ruħhom fuq argumenti ta' politika kriminali li huma partikolari għal dan l-Istat Membru sabiex jiġġustifikaw li l-piena mogħtija tiġi eżegwita fit-territorju tiegħu u, konsegwentement, jirrifjutaw it-trażmissjoni tas-sentenza ta' kundanna u taċ-ċertifikat għall-eżekuzzjoni tal-kundanna fi Stat Membru ieħor. Fi kwalunkwe każ, jekk ir-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ikun sar b'nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet essenzjali u tal-proċedura prevista mid-dritt tal-Unjoni, dan il-mandat ta' arrest Ewropew jibqa' fis-seħħ u l-Istat emittenti jżomm id-dritt li jeżegwixxi l-piena imposta fit-territorju tiegħu stess.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom il-possibbiltà li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew deċiżjoni dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI](#) tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

² [Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI](#) tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea.